MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2011

Numru 1267/2011

Il-Pulizija
(Spettur Arthur Mercieca u Spettur Priscilla Caruana)

vs

Anthony Theuma
Shaxon Theuma

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati detenturi ta' numru tal-karta ta' l-identita' 422369M u 407889M rispettivament, akkuzati talli fil- 14 ta' Novembru 2011, gewwa il-fabbrika numru HHF12 Hal-Far ghal habta ta' 1.30pm:

1. ikkommettew serq ta' diversi oggetti liema serq jeccedi l-elfejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin

centezmu (2390.24) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz u bil-lok;

2. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gewwa il-fabbrika numru HH12 Hal-Far volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara ma jeccedix il- (1164.69 euros) ghad-dannu tal-kumpanija MIP;

3. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gewwa Hal-Far laqaw ghandhom, kienu fil- pussess, jew xtraw jew iccirkolaw jew indhaltu sabiex jbieghu hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq.

Anthony Theuma wahdu akkuzat talli huwa sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

U aktar talli kiser il- kundizzjonijiet imposti fuqu mill-istess Onorabbli Qorti meta nhar:

- il- 24 ta' Frar 2010 kien gie misjub hati mill-Magistrat Dr. M. Haymann LL.D ta' korruzzjoni ta minorenni fost akkuzi ohra u giet imposta fuqu sentenza ta sena habs sospizi ghal erbgha snin.

Il-Qorti hija mitluba li tapplika l-artikolu 553 f'dak li ghandu x'jaqsam ma spejjez ta hatra ta' esperti nominati kif ukoll tordna il-konfiska tal-vettura KAP 731.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqaw jinsistu anka wara li l-Qorti tahtom hin jirrikonsidraw;

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputati f'dan l-istajdu bikri tal-proceduri;

Stante li t-tielet akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza;

Issibhom hatja tal-ewwel zewg akkuzi u ssib l-imputat Anthony Theuma tal-ahhar akkuza migjuba kontra tieghu wahdu.

Rat l-Artikolu 261 (b) (c), 264, 267, 325 (c) u 17 (h) tal-Kap 9;

Tikkundanna:

Lill-imputat Shaxon Theuma 15 il-xahar prigunerija u li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdha tissospendihom ghal 4 snin mill-lum.

Lill-imputat Anthony Theuma 20 xahar prigunerija sospizi ghal 4 snin u b'applikazzjoni tal-Artikolu 28B tal-Kap 9 qeghdha tbiddel l-ordni originali maghmul bis-sahha tal-Artikolu 28A
Billi tissospendi il-perjodu ghal wiehed ta' 4 snin mill- lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------